# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 / 2168 0606 / 2765 6502**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru wieħed u erbgħin (41) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar il-5 ta' Mejju, 2015, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba fis-6:56pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1 Charlene Zammit ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

2 Saret referenza għal-laqgħa straordinarja li nżammet fl-aħħar tax-xahar ta' April 2015, fejn konna mitluba mill-Udituri *Nexia BT* u l-Awditur Ġenerali sabiex ikunu approvati l-*Auditited Financial Statements* tas-sena 2014. Hawn is-SE qal li matul din is-sena kellna *deficit* ta' 6,000 ewro, u għamilna kull ma stajna biex kienet *waived* il-*qualification* fir-rapport tal-uditur, dwar informazzjoni nieqsa li qal li kien sab rigward id-*deferred income*. Din il-kwalifika kienet tgħid li l-uditur ma setgħax ikollu stampa ċara dwar l-*accounts* għaliex ma kellux informazzjoni biżżejjed. Charlene Zammit qalet illi wasal iż-żmien illi noħorġu sejħa għall-offerti biex ikollna *accountant* li jippreparalna l-*accounts* kull xahar. Hija qalet illi għal elf ewro oħra, l-*accountant* ta' Ħaż-Żebbuġ qed jagħmel kollox hu, filwaqt li Paul Spiteri qal illi t-*tender* li għandna ma kienetx ħarġet hekk, sabiex niffrankaw l-ispejjeż, peress li l-entraturi għadu jagħmilhom personalment is-SE.

3 Il-minuti tas-seduti preċedenti kienu moqrija u approvati unanimament wara li dawn tressqu minn Charlene Zammit, u kienu sekondati minn Grace Marie Mallia.

**Punti mill-Minuti**

4 F'"Ta' Għadajma", fejn il-KLM applika għall-illuminazzjoni addizzjonali, is-SE kellu laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur tal-kunsill, *Nexos Street Lighting* kif ukoll laqgħa oħra fuq is-sit mal-*Foreman* tal-Korporazzjoni Enemalta, is-Sur Ivan Buttigieg. Dan il-post hu żona barra mill-iżvilupp u għaldaqstant nistgħu niġu mitluba sabiex inħaffru trinka kif sar fi Triq it-Torri u wkoll jitwaħħlu arbli tal-Korporazzjoni Enemalta, għaliex dawk li hemm imwaħħla, huma tal-injam tal-*GO plc*. Il-*foreman* qal illi filwaqt li jeżisti ftehim illi fuq arbli tal-Korporazzjoni Enemalta jitwaħħlu *wires* tat-telefonija, ma hemm l-ebda ftehim biex fuq arbli tal-*GO plc* (telefonija; tal-injam) jitwaħħlu *cables* tal-elettriku.

5 Saret referenza għall-bżonn urġenti illi l-Gvern Ċentrali jagħti każ tal-asfaltar ta' Triq Valletta, filwaqt illi żdiedet mat-toroq li għandhom isiru mill-ġdid, mill-istess Gvern Ċentrali, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Charlene Zammit qalet illi hawn trid ukoll issir bankina fejn m'hemmx biex tħares 'l dawk li jkunu qed jimxu fuqha. Hija qalet li l-KLM se jagħmel talba ukoll għal *speed cameras* fil-*by-pass* filwaqt li stiednet lill-membri tal-KLM sabiex jattendu għal-laqgħa li se tinżamm f'dan l-uffiċċju ma' rappreżentant ta' Transport Malta.

6 Grace Marie Mallia qalet illi fi Triq tas-Sejba, mhux biss hemm bżonn li ssir *zebra crossing* fil-parti urbana iżda wkoll oħra viċin il-*garage* tas-*silencers* fil-parti rurali biex jaqsmu kull min ikun ġej għal Triq il-Parroċċa. Hija talbet ukoll *sleeping policeman* quddiem *Sunrise Court* fi Triq Ħal Kirkop filwaqt li Charlene Zammit insistiet fuq oħra quddiem id-daħla ta' Ġnien Onġi Onġella. Grace Marie Mallia qalet illi anke quddiem l-iskola hemm problema bil-ġenituri jistennew lil uliedhom fi Triq Valletta ipparkjati ħażin. Paul Spiteri għamel proposta biex il-bankina kollha quddiem l-iskola ssir bil-*u-shaped barriers* għas-sigurtà tat-tfal. Madankollu

Charlene Zammit esiġiet illi għandna ninfurzaw il-liġi bil-pulizija għaliex fil-passat dawn kienu jagħtu it-*tickets*, u n-nies jibżgħu minnhom. Is-SE qal illi il-ħaddiema tal-*IPSL* li qed jagħlqu t-toroq ma jistgħu ikellmu lil ħadd biex jieqaf jgħaddi, għaliex dawn m'humiex awtorizzati li jagħmlu dan.

7 Minkejja li kienet parti mill-aġenda, f'dan il-waqt issemmiet l-istruttura li se titpoġġa fil-bandli u anke l-possibilità li jkunu rkuprati Fondi Ewropej biex nikkonservaw l-ilma tax-xita u wkoll biex nagħmlu użu massimu mill-Enerġija Alternattiva.

8 Dwar l-applikazzjoni tal-ġibjun, is-sindku qalet illi din jonqosha xi *finishing touches*, u ġaladarba din issir, il-KLM ikollu ċans ħames snin sabiex iwettaq il-proġett. Hija qalet illi din għadha fuq Nicholas Briffa u se nagħmlu l-proċeduri kollha sabiex ikun hemm *change of applicant*. Charlene Zammit qalet illi hu possibbli li jkun hemm aċċess għal Fondi Ewropej sabiex iseħħ il-proġett ta' *water harvest*. Dwar il-problema tal-ilma tax-xita qed nipproponu li jsiru sprallijiet kbar fit-toroq biex jinqabad l-ilma go fihom. Hawn kien suġġerit mis-sindku sabiex nibagħtu ittra lil min is-soltu jimla xi ilma mill-ġibjun eżistenti u ngħidulhom li dan hu disponibbli biex neħilsu minnu u jitnaddaf l-istess ġibjun ħalli dan ma joħloqx inkonvenjent.

9 Issemmiet ukoll il-problema tal-ġrieden fi Triq il-Ħajt tal-Matla, Xandru Farrugia, George Martin u Franka.

10 Dwar il-latrina pubblika, Grace Marie Mallia qalet li l-bieb tat-*toilet* tan-nisa ma jistax jissakkar u dan irid jingħalaq. Hija rrimarkat illi meta marret sabiex tinqeda fil-Festa tar-Ravjul, il-latrina kienet mandra u jinħtieġ illi din tkun aktar attrezzata billi jitpoġġa *soap dispenser* u jkun hemm is-sapun fost l-oħrajn. Hija qalet li nistgħu ukoll nagħmlu *handle* fil-bieb għall-anzjani sabiex jitilgħu l-għatba, filwaqt li s-SE ikkonferma illi din mhix aċċessibbli għal persuni li għandhom diffikultà mobbli minbarra li ma jeżistix *toilet* li fih jista' jinqeda persuna fil-*wheelchair*.

11 Is-sindku qalet illi l-Berġa hemm bżonn li jkun hemm manutenzjoni fiha u hija semmiet skema ta' fondi li tlaħħaq l-€4,000 li qed jagħti l-Gvern Ċentrali minkejja li hija qalet li dawn mhux biżżejjed anke jekk inkellmu lill-ħaddiema tagħna u jagħtuna daqqa t'id. Hija lmentat mill-fatt li din il-berġa għandha entratura u tgħaddi għall-bitħa u fix-xita l-ilma jinxtered kullimkien bl-anzjani jgħaffġu fih. Għaldaqstant hija qalet li tajjeb li jsir *atrium* biex tissaqqaf il-bitħa. Grace Marie Mallia talbet li ssir laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa f'dan ir-rigward filwaqt li s-sindku assiguratha illi l-KLM diġà bagħat ir-ritratti li juru li din il-berġa mhix fi stat sanitarju tajjeb.

12 Saret referenza għall-*Week-End Break* u Charlene Zammit qalet li kull min ġie faħħar is-servizz. Hija semmiet xi diffikultajiet żgħar li ltaqgħu magħhom xi anzjani; dwar il-parkeġġ, billi ma kienux jafu li kellhom biljett għall-parkeġġ f'kull karma, u TV li ma kienux jafu jixegħluh.

13 Dwar il-Festa Ravjul, saret evalwazzjoni skond l-Aġenda u s-sindku qalet illi din kienet attività tajba u ġew in-nies. Tant kienet tajba, illi din attirat studenti li qed jagħmlu kors l-università biex jinkluduha fl-istudji tagħhom u hija qalet li ħadet pjaċir tisma' 'l dawn jgħidulha li din serviet ta' okkażżjoni biex jiġu l-Imqabba. Hija qalet illi kellna kritika fuq il-mezzi elettroniċi u wkoll fuq l-istampa dwar ix-xita tar-ravjul li twaddab mil-gallarija tal-każini. Hija qrat ittra ta' kritika mibgħuta lill-editur fuq l-Orizzont li l-KLM qabel li ma jagħtix risposta dwarha. Grace Marie Mallia qalet li l-Onor Toni Bezzina qatt ma kellu joħroġ mill-gallarija ta' każin waqt li kien qed jiġi mwaddab ir-ravjul. Dwar il-*bar*, Grace Marie Mallia qalet illi hija meddet idejha "*għax ħasset il-bżonn"*, u mhux għax ġiet imqabbda minn xi ħadd. Kienu msemmija diversi affarijet li stajna morna aktar tajjeb fihom bħal per eżempju il-ko-ordinament tal-kantanti, it-tpoġġijja tal-*bouncing castle*, il-*left overs* esaġerati tad-*drinks* l-imkessħin li ma riedhom ħadd mill-każini (Charlene Zammit qalet illi kien hemm mal-€400 qliegħ). Intant l-KLM ikkonċeda wkoll li ma jaqsamx magħhom mill-qliegħ tal-*bar*. Il-fatt li ma kienx hemm *bar* fil-pjazza, sofra l-qliegħ tal-*bar*. Dwar il-kritika li kien hemm fuq is-€700 li se jingħata l-organizzatur,

Charlene Zammit qalet li ma kienetx ġusta għaliex fl-attività Karnival u tal-Kukkanja, konna nonfqu ħafna aktar *f'sound* u dwal.

14 Il-kunsillieri kienu mitluba mis-sindku sabiex jissottomettu l-artiklu tal-fuljett ħarġa ta' Ġunju sa nhar it-13 ta' Mejju, 2015.

15 Grace Marie Mallia qalet li għall-ħarġa ta' Sqallija, in-nies għadhom qed jinkitbu.

16 Grace Marie Mallia qalet illi l-attività tal-*Buffet Breakfast* kienet suċċess u kull min ġie ħa gost u jidher li l-Imqabbin ikunu qed jistennew attività bħal din.

**Aġenda**

17 Anita Farrugia issekondat il-Mozzjoni ta' Charlene Zammit sabiex jinxtraw b'kemm jiswew €600 f'kotba għal-librerija pubblika tal-Imqabba. Din kienet proposta tal-Gvern Ċentrali permezz ta' skema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-KLM ikollu finanzjament ta' €600 oħra mill-Gvern Ċentrali. Dwar il-kotba l-ġodda li jidher li semmiet il-Kap tal-Iskola ma' kunsillier, intqal illi dawn kienu tpoġġew fuq l-ixkafef tal-librerija wara li kienu inxtraw u dwarhom kienet hija stess ilmentat li damu wisq fil-kaxxi tal-kartun mitluqin mal-art matul 2014.

18 Paul Spiteri qal li jista' jkun li mhux qed jintbagħtu in-notifiki lil min ma jirritornax il-kotba għaliex hu kien issellef żewġ kotba u ħadd ma qallu sabiex jirritornahom. Grace Marie Mallia qalet illi l-librerija tagħna hija fqira wisq filwaqt li s-sindku qalet illi għandu jkun hemm kontroll sabiex kulħadd jinżamm responsabbli għall-kotba li wieħed jissellef mil-*book box,* li qatt ma jiġu lura. Hija saħqet sabiex issir tibjida tal-ħitan tal-librerija bil-kuluri li jattiraw lit-tfal biex l-ambjent, anke tal-ixkaffar innifsu, jiġbidhom. Hija faħħret il-proġett li għadu kemm ġie inawgurat fl-Imtarfa mis-sindku. Paul Spiteri ta l-parir sabiex qabel ma' jitwettaq xi xogħol fil-librerija, tkun konsultata l-Kap tal-Iskola.

19 Għall-proposta tas-sindku li tinġieb il-*Blood Mobile Unit* f'Jum l-Imqabba 2015, il-KLM iddeċieda li din tkun mistiedna tiġi nhar l-24 u l-25 ta' Ottubru, 2015.

20 Grace Marie Mallia qalet illi għall-ħarġiet t'Għawdex, kollox hu bbukkjat, madankollu fuq suġġeriment tas-sindku, fil-ħarġiet li ser isiru f'Settembru, se nippruvaw insibu ġurnata oħra flok nhar ta' Erbgħa. Grace Marie Mallia qalet li fil-ħarġiet ta' Mejju, l-għan li mmorru l-Erbgħa kien sabiex insibu l-monti tan-Nadur minn fejn nixtru.

21 Grace Marie Mallia issuġġeriet li f'Settembru tiġi organizzata ġurnata bil-*Captain Morgan* ġewwa Kemmuna, filwaqt li is-sindku pproponiet *Cruise* madwar Malta fis-sajf.

22 Dwar il-permessi tal-*cranes*, Paul Spiteri qal illi jidher li ħafna kunsilli lokali m'humiex konxji li dawn għolew u qed jilmentaw in-nies li l-Imqabba biss għolew. Is-SE qal li hu għandu ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn tirreferi għall-Proklama tal-*Budget* 2015 li b'mod ċar turi li l-permess tal-*cranes* (u l-interpretazzjoni minn dejjem kienet li kull vettura li tmidd l-*outriggers* titqies bħala *crane*) issa jrid iħallas 25.70 Ewro għal kull ġurnata jew parti minnha. Madankollu is-sindku talbet lis-SE sabiex jivverifika dan kollu.

23 Grace Marie Mallia qalet illi hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix li minn Triq Ħal Millieri jwassal saċ-Ċimiterju tal-Imqabba. Hawn is-SE qal li is-sit aktarx hu l-istess wieħed tal-Matla. (fuq l-imtali)

24 Grace Marie Mallia talbet li jinqata' l-ħaxix sar-*runway* fi Triq it-Torri. Hawn is-sindku staqsiet għaliex meta marru jaqtugħ ma baqgħux niżlin it-triq kollha. Is-SE qal li hu irid jistaqsi lill-ħaddiema għaliex ma kienx magħhom meta dawn qatugħ u dan jinqala' mill-uffiċċju meta jkun

hemm każ bħalma nqala' fuq il-pixxaturi tal-latrina pubblika. Intant dwar dawn tal-aħħar il-ħaddiema tagħna qalulu illi qed jinstaddu bil-*filters* tas-sigaretti u hemm bżonn li jinqala' l-madum biex jitranġaw filwaqt li s-SE għalaq ħafna mill-ilma li kien qed jinħela fil-pixxaturi li jifflaxxjaw awtomatikament kull darba li jimtela *flushing* tagħhom. Dwar il-ħaddiema tal-*IPSL*, is-sindku qalet illi se toħroġ *warning* lil Anthony Spiteri għaliex dan qed isib kull skuża biex ma jagħmel xejn u għaliex *"ma nistgħux naffordjaw li l-ħaddiema jagħmlu siegħa xogħol hawn u jmorru d-dar."*

25 Grace Marie Mallia lmentat minn *bus shelters* maħmuġin fi Triq tas-Sejba u t-tnejn fi Triq il-Konvoj Santa Marija.

26 Permessi tal-kabbani kienu approvati kif kienu s-sena l-oħra eżatt.

27 Il-laqgħa lil jmiss kienet iffissata għal nhar it-28 ta' Mejju 2015 filwaqt li dak in-nhar Anita Farrugia qalet li se jkollha problema u aktarx li se tiġi tard.

28 Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 498.

29 Fl-9:55pm intemmet il-laqgħa.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn:* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*28/05/2015 minn:* | **Dr Charlene Zammit**<br>**Sindku** |